**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Robert Vella)**
**(Supretendent Graziella Muscat)**

**-vs-**

**Elton Buckingham, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 529775M.**

*Kumpilazzjoni Numru: 610/2022*

Illum, 19 ta' Ġunju, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Elton Buckingham u ċioe talli:

Nhar it-18 ta' Awwissu 2022, bejn is-18:00hrs u d-21:00hrs, fi Triq il-Linja u Triq Dun Mikiel Xerri ġewwa Ħ'Attard u/jew f'dawn il-gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Viviane Oliviera Drummond, hekk kif iċċertifikat minn Dr Marika Axisa MD (Reġ.No:6441) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkawża lil Viviane Oliviera Drummond biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ħebb għal Viviane Oliviera Drummond sabiex jinġurjaha, jdejjaqha jew jagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, insulenta, inġurja jew hedded bi kliem jew b'mod ieħor lil Viviane Oliviera Drummond;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala Uffiċjal Pubbliku jew Impjegat Pubbliku, għamel reat li kellu d-dmir li jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi li jsir.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Viviane Oliviera Drummond ID:286659M u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u toħroġ Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mal-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja w li l-imputat m'għandu l-ebda oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[1]

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

[1] Fol.5 u 9 rispettivament

Ikkunsidrat:

L-imputazzjonijiet numru wieħed (4) sa erbgħa (4).

Is-**Supretendent Graziella Muscat** spjegat lill-Qorti kif mara Brażiljana, Vivianne Oliviera Drummond, irrapportat li kellha inċident ma koppja wara li l-kelb tagħha għamel *excrement* maħlul li ma setgħax jinġabar u fejn wara argument, l-istess mara barranija sfat mbuttata minn dahra u qalgħet daqqa ta' ponn fuq rasha kif ukoll fuq il-warrani. Fl-inċident intqal kif anke ittajjar in-nuċċali tagħha. Hi wissiet lill-koppja li ser iċċempel lill-pulizija fejn dawn telqu iżda hi marret warajhom u ġibdet xi ritratti[2] tal-vettura DEN424 li kienu qed jagħmlu użu minnha. Żiedet li kif kienet qed tieħu r-ritratti tal-vettura s-sewwieq irreversja għal fuqha.[3] Il-vettura in kwistjoni kienet reġistrata fuq l-imputat.[4]

Tfittxijiet għall-filmati rriżultaw fin-negattiv filwaqt lanqas ma kien hemm xhieda okulari tal-inċident għalkemm diversi kienu il-persuni li qalu lill-pulizija li semgħu għajjat jew argument.

Il-pulizija ġiet informata wkoll li għall-ħabta tal-20:20hrs l-imputat ċempel l-għassa ta' Birkirkara w rrapporta kif imbotta mara biex jiddefendi lilu nnifsu w talabha sabiex jiġi infurmat jekk isir xi rapport minn din il-mara. Hu ngħata parir mill-*Orderly* biex imur jagħmel rapport l-għassa minnufih. Ġiet esibita traskrizzjoni[5] tat-telefonata mal-*Orderly* kif ukoll il-*recording* innifsu tat-telefonata[6].

Is-Supretendent Muscat esebiet żewġ **Current Incident Reports**. Ir-rapport magħmul mill-allegata vittma sar dakinhar tal-allegata aggressjoni fl-22:00hrs u ġie konfermat minn PS918[7] li sussegwentement ikkonferma l-istess rapport.[8]

---

[2] **Dok.GM** a fol.15-17
[3] Fol.10-11
[4] Fol.13
[5] **Dok.GM3** a fol.20-21
[6] **Dok.GM2** a fol.19
[7] **Dok.GM4** a fol.22 et seq. Maġġur 1067 Mario Spiteri jikkonferma l-*update* tiegħu fl-istess rapport a fol.129-130
[8] Fol.27-28

i. Rapport ta' Drummond

Drummond *a tempo vergine* rrapportat mal-pulizija li kienet mart l-imputat li wara li ġriet warajha, bdiet tgħajjat f'wiċċha bl-lingwa li għall-ewwel ma fehmietx, iżda li wara ndunat li kienet qed titkellem dwar il-ħmieġ li ħalla l-kelb tagħha liema ħmieġ ma kienx f'forma li seta' jinġabar. Kien hawn li l-istess mara bdiet toffendiha bi kliem *"fuck you, fuck your mum, fuck your dad, fuck your entire family"*. Drummond tkompli li kif rat hekk bdiet miexja fid-direzzjoni opposta iżda l-mara reġgħet marret għal warajha u mbuttata minn wara, fejn Drummond dahret lejha w qaltilha ma terġax tmissha.

Drummond b'hekk tikkonferma li l-ewwel kuntatt fiżiku sar minn mart l-imputat.

Kien hawn li reġgħet kompliet fi triqtha meta ***"I heard the voice of a man. I looked back and noticed a man. He started to speak in a language I did not understand. I told him your wife touched me and then he started to say bad words to me in the English language like fuck you, you bitch and other bad words in English. I tried again to leave from there and then I felt someone hitting me in the bottom area. I turned and I noticed that the man, that at the time was the only one near me, had kicked me with his foot**. I told him 'your crazy'* ***and I turned to walk again and he punched me in the back of the neck area***. *When this man* ***punched me in the back of my neck*** *my optical glasses fell from my face. Then I told both of them that I will call the police and they left. After a few minutes I went back to see where they live and i noticed a car going out of the garage. I took a picture of the side of the car and noticed that the driver was the same man from the incident...then the same woman entered the passenger side and I tried to take a picture of the back number plate. When I went in the back of the car the car was stationary but when I went on the back of the car* ***the driver immediately reversed on me to hit me with his car."***

Irnexxielha xorta waħda tieħu ritratt tan-*number plate,* DEN424, u wara li ċemplet lill-żewġha li ġabarha minn fuq il-post, ittieħdet il-Policlinic tal-Mosta.[9] Ir-rapport ta' Drummond sar fl-10pm wara li kienet marret il-Policlinic tant li esebiet ċertifikat mediku, li kif intqal inħareġ flit-8.20pm, anqas minn siegħa wara li saret it-telefonata minn Buckingham u fejn il-ħin tal-inċident jingħad hu indikat bejn is-7pm u is-7.30pm.[10].

Ir-rapport magħmul mill-vittma[11] jitfa' dawl fuq fatt interessanti u ċioe kif Buckingham, li kien ġie infurmat anke li l-pulizija kienet ser televa *cctv footage,*

[9] Fol.23
[10] **Dok.GM4** a fol.22 et seq
[11] **Dok.GM4** a fol.22 et seq

*ingħata struzzjonijiet mil*l-Ispettur Galea biex ma jinterferixxix mal-investigazzjoni tenut kont li dan kien fuq il-post meta l-pulizija marret fi triq konċernata biex televa l-*footage*.[12]

Dan il-fatt jitkellem waħdu u juri l-interess li kellu l-imputat biex isir jaf x'passi setgħet ħadet il-mara barranija. Iktar minn hekk, ried sahansitra jinvolvi ruħu fl-investigazzjoni hekk kif induna li l-pulizija mexxiet tant li bdiet tfittex għal filmati minn *cctv cameras*.

L-istess rapport isemmi kif Denise Buckingham, mart l-imputat, ġiet mitkellma mill-pulizija fis-26 t'Awissu, 2022, tmient (8) ijiem wara l-inċident. Fl-istqarrija tagħha tammetti li *"jien mxejt warajha u qbadtha minn wara....Hi bdiet tghajjat mieghi fejn jiena żammejt id-distanza, hi kesksitli il-kelb harset lejh u l-kelb hares lejha u dak il-hin ic-cinga twalet u l-kelb ġie viċin tieghi. Sa dan it-tant hareg ir-ragel mill-garaxx u qalli biex imorru lhemm ghax kien sar il-hin ghax ridna niġbru t-tifel minghand it-tfajla biex nohduh il-football."*[13] Ir-ritratti tal-ħmieġ tal-kelb ittieħdu fl-22:30 x'ħin irritornaw lura d-dar.[14]

Denise tikkonferma li għalkemm skond hi Drummond keskset il-kelb għaliha, ma tafx x'għamel il-kelb iżda tisħaq li kellha tbenġila fuq it-tieni u t-tielet swaba tal-id ix-xellugija.

Jiġi sottolinejat li dawn il-ġrieħi ġew ċertifikati biss 24 siegħa wara mit-tabiba Dr. Rebekah Camilleri.

Denise ma setgħetx tispjega kif il-kelb seta' benġillha s-swaba iżda *"kellhi id-demm hiereg minn subajja"*. Tiċħad li imbottat lil Drummond u tispjega li l-vettura li kienet ser tinstaq minn żewġha kienet parti fuq il-bankina u parti fuq ir-rampa meta Drummond daħħlet fir-rampa tagħhom, wara l-vettura, biex tieħu ritratti jew *video*.[15]

ii. Rapport tal-Koppja Buckingham

Fir-rapport li sar mill-koppja Buckingham l**-għada tal-inċident fil-11:16hrs,**[16] u li ġie konfermat minn **PS408 Schembri**, [17] mart l-imputat spjegat kif kienet fuq il-bankina tistenna lill-imputat joħroġ bil-karozza mill-garaxx meta rat mara li kienet bil-kelb li ħammeġ fit-triq u ma ġabritux. Ġibditilha l-attenzjoni iżda din

[12] **Dok.GM4** a fol.24
[13] Dok.GM4 a fol.26
[14] **Dok.GM4** a fol.26
[15] Ibid.
[16] **Dok.GM5** a fol.28 et seq
[17] Fol.104-105

ma tatx kas u għalhekk marret warajha *"u ġejna f'konfront. Bdiet tkellimni bil-lingwa tagħha u jien ma bdejtx nifhimha umbghad bdiet tohrogli subahajha tan-nofs, tghajjarni bl-ingliz u ssemmi lill-ommi."* Semmiet kif kesksitilha l-kelb u ħallietlu c-ċinga biex tiġi itwal u l-kelb ġie għaliha. Ħareġ żewġha u kellha uġigħ fis-swaba u ħareġ id-demm minn dwiefer. Taf li l-mara bdiet tgħajjat ma żewġha u li wara ħadet ritratti tan-numru tal-karozza kif ukoll tagħhom.[18]

Il-**konsistenza** tal-vittma Drummond tibda toħroġ biċ-ċar mill-bidu nett tal-investigazzjoni meta l-għada tal-każ, terġa tagħti verżjoni identika ta' dak li seħħ wara li fil-jum ta' qabel kienet diġà tgħat il-verżjoni tagħha.

Semmiet kif mara ġibditilha l-attenzjoni li l-kelb tagħha ħammeġ u hi qaltilha li ma setgħax jinġabar u kompliet miexja. Qalet dan lill-pulizija: *"..then I continued walking to my home, suddenly I felt a push from behind, she pushed me so I turned around and told her "Don't touch me!" she continued yelling and saying bad words so I turned around again and <u>continued walking to my home.</u>* ***When I was in Triq Dun Mikiel Scerri I heard a man's voice, then after I turned around and his man was talking saying bad words, I turned around to go to my home when I felt a kick from behind. When I turned around to see I aw the man's leg going down and after that I felt a punch in my neck from behind as well. My glasses dropped on the ground, I picked my phone and said u will call the police****. So I needed something to show to the police and turned around and went back in front of that building."* Wara li rnexxielha tieħu ritratt tal-imputat fejn ġie jidher biss mill-ġenb, marret wara l-vettura biex tieħu ritratt tan-*number plate* u hekk kif kienet qed tieħu r-ritratt *"I saw the car* ***reversing in my direction*** *so I went out of the way and left to call my husband".*[19]

**Dr. Chris Spiteri** minn Transport Malta xehed li l-vettura DEN424 hi reġistrata fuq l-imputat.[20]

*<u>It-Telefonata</u>*[21]

**PC207 Cherise Caruana** xehdet kif bħala *Orderly* kienet ħadet it-telefonata tal-imputat għall-ħabta tas-7.30pm[22]:*"He gave instructions to PC207 that he shall be informed if someone will lodge a report at any time of the day/night".*[23] PC Caruana tikkonferma it-telefonata Dok.GM2.[24] Din ġiet imniżżla minn **PC148 Matthew**

---

[18] **Dok.GM5** a fol.29
[19] Fol.30
[20] Fol.100 et seq
[21] **Dok.GM3** a fol.20-21
[22] Fol.89
[23] **Dok.GM4** a fol.23
[24] Fol.19

**Tonna**.[25] Fil-*brief description* tal-konversazzjoni hemm indikat li l-persuna li ċempel qal lill-pulizija *"to inform him if someone lodges a report against him"*.[26] Kopja tar-*recording* ġiet esibita mix-xhud.[27]

Il-provi juru kif Buckingham ċempel l-għassa ta' B'Kara, spjega lil *Orderly* li wara li mara barranija u martu ġew fl-idejn kif feġġ hu fit-triq din il-mara ukoll *"ġiet ħa tagħmel ghalija …issa jien kull ma ghamilt igifieri imbutajtha gifieri minn wicca ovvja mhux ha nhalliha tmissni"*. Talab għad-dettalji tagħha f'każ li tagħmel rapport dwar l-inċident bl-*Orderly* tirrikmandalu jagħmel rapport fejn isaqsi jekk ikunx hemm bżonn tmur martu wkoll.[28] L-imputat qal lil *Orderly* li l-kliem li bdiet tgħid il-mara barranija kienu bl-Ingliż "mother fucker" u "fuck you".

Meta semgħet ir-*recording* il-Qorti osservat lill-imputat li jibda it-telefonata **kompost għall-**aħħar u kalm saħansitra jidħaq meta mistoqsi lil min irid ikellem mis-surġenti *on duty "Liem wieħed hemm heh heh heh heh heh"* (0:039-00:00:43). Tul it-telefonata jitlob tlett darbiet li jiġi nfurmat jekk isir rapport mill-mara in kwistjoni.

Fl-ebda ħin ma jsemmi dmija, gdim ta kelb jew li l-mara pruvat taggredih fiżikament għaliex kull ma jsemmi hu li *"ġiet ha taghmel ghalija"* (cioe verbalment) għalkemm iħoss il-ħtieġa li jgħid lil Orderly li kull ma ghamel kien *"mbuttajtha minn wiċċha ghax mhux ha nħalliha tmissni"* (00:01:47-00:00:51).

Jitfakkar li lanqas meta l-imputat jixhed *viva voce* ma jsemmi li din f'xi ħin resqet lejh biex taggredih fiżikament; u tassew trid tkun ġennata tenut kont tal-statura u *build* tal-imputat u dik ta' din Drummond!

In-Natura tal-Ġrieħi

Ġie preżentat **ċertifikat mediku** wara li aktar tard dik i-lejla stess marret fil-Policlinic tal-Mosta. Il-ġrieħi soferti minn Oliviera Drummond ġew klassifikati bħala ħfief u kienu jikkonsistu f' *"Right-sided trapezium spasm at the neck, Tenderness over gluteus muscle"*. Il-ħin tal-eżami hu dak tal-20:40hrs. [29]

Iċ-ċertifikat ġie konfermat minn **Dr. Marika Axisa**.[30]

---

25 Fol.94 et seq
26 Fol.97
27 **Dok.MT1** a fol.99
28 **Dok.GM3** a fol.20
29 **Dok.GM1** a fol.18
30 Fol.35

Dr. Axisa fix-xiehda tagħha, fejn anke preżentat notamenti li ħadet dakinhar tal-eżami[31], tgħat aktar dettalji dwar dak li l-allegata vittma stqarret *a tempo vergine* magħha fejn qaltilha li ġiet attakkata waqt li kienet miexja bil-kelb tagħha f' H' Attard. Tkompli *"Niftakar kienet naqra in a state of shock fis-sens kienet emotionally distressed u qalet li kellha l-aggressur tagħha li* ***taha daqqa fuq ghonqha*** *ghalhekk jiena ktibt fir-report kellha spasm ta' trepezises muscle li basically muscle li jikkonnetja l-għonq max-shoulder u li kellha ukoll kellha daqqa,* ***ġiet attakkata ukoll over the lower back over the gluteus muscle****"*.

Sal-ħin tal-eżami *"ma kelliex bruising evidenti pero' it can take some time u bhala on examination bazikament x' hin kienet qed tagħmel movimenti t' ghonqha ma setghatx ovvjament minhabba l-spasm and she was complaining of that pain over her lower back."* Però it-tabiba tikkonferma li meta eżaminat il-pazjenta fuq il-parti tal-*"lower back extending over the gluteus"* irreaġixxiet għal *palpations* fuq dik l-*area*.[32] Minbarra hekk rigward l-muskolu tal-għonq tgħid: *"X' ħin bdiet tagħmel ċertu moviment b' għonqha aħna ngħidulhom flexion extension to turn your neck on the right side kienet muġugha u bdiet ukoll tipponta hawnhekk u ma setgħetx tkompli tagħmel movement".*[33] Aktar sinifikanti hi l-osservazzjoni li tagħmel Dr. Axisa fejn jidher li ma straħietx biss fuq dak li bdiet tgħidilha l-vittma *"Ma kelliex ghalfejn niddubita l-pazjenta le ghax x' hin ezaminajtha anke kienet qed tipprova tagħmel certu rezistenza ma kinitx kapaci tagħmel full movement ta' ghonqha"*. Dwar l-uġigħ fuq il-*lower back* il-vittma *"ugigh x' hin tkun qed timxi tkun qed tindikalek fejn tkun muġugħa".*[34]

Stqarrija ta' Buckingham

**Is-Supretendent Robert Vella** spjega l-involviment tiegħu fl-investigazzjonijiet li segwew ir-rapport ta' Drummond, liema investigazzjonijiet tmexxew mill-*Professional Standards Unit* tal-korp[35]. Vella ikkonferma l-istqarrija li ttieħdet lill-imputat. [36] L-imputat interrogat qal:

*"Sussegwentement kif hrigt il-karozza, nofsha fuq ir-rampa u nofsha fuq il-bankina, jien smajt xeba għajjat, tfejt il-karozza, tellajt l-handbrake u ngranajtha u mort nara x'gara. Kif wasalt hdejhom Denise qaltli ara x'ghamlitli u kulma rajt demm fuq subghajha u ma ergajtx harist ghax jien nibza mid-demm, jdejjaqni u fl-istess hin Denise qaltli din kesksitli l-kelb. Jien min-naha tieghi din ġiet tghajjat f'wicci u ma bdejtx nifhimha, li niftakar kliem 'Puta' u 'Madre' biss niftakar. Kif ġiet ma wicci jien ressaqtha u ghidt*

---

[31] **Dok.MA** a fol.41
[32] Fol.37
[33] Fol.38
[34] Fol.39
[35] Fol.107-108
[36] **Dok.GM6** a fol.31-34

*lill-mara, imxi ghax ma rridx nfotti s-servizz għal dic-cucc. ..... dakinhar stess jien cempilt l-Ghassa ta' Birkirkara u staqsejt biex nkellem Surgent u qaluli wiehed qieghed l-festa u iehor kien fuq xi inċident. Jien ghedtilhom jekk jigi xi hadd jghamel rapport fuq dan li gara jghiduli halli jiena nkun nista' nghamel ir-rapport tieghi, kif fil-fatt ghamilt l-ghada ..........*[37]

***Zgur ma tajtiex bil-ponn, mistoqsi tax bis-sieq nwiegeb, ma jidhirlix** dak il-hin. Li niftakar li din il-persuna ressaqtha b'idejja u li niftakar dak il-hin li waqatilha ear pod u nizlilha n-nuccali.* [38]

L-imputat spjega li ma kienx għamel rapport peress lima kienx jaf il-*particulars* tal-mara konċernata, xi ħaġa li ma tagħmel l-ebda sens: *"Ghax jiena ma kontx naf min hi din il-bniedma. Pero l-ghada filghodu mort l-għassa mal-mara tieghi u s-Surgent li kien hemm xogħol issuggerieli sabiex nghamel rapport fuq litter act, wara li jiena spjegajtlu dak li kien gara. Mistoqsi jekk kienx qabel jew wara li l-Pulizija kienu fl-inhawi u tkellmu mieghek dwar CCTV footage, nwiegeb jiena r-rapport ghamiltu wara li ltqajt mal-Pulizija hdejn ir-residenza tieghi ghaliex dak il-hin kont sejjer nghamel ir-rapport. Fil-fatt kont off u nghid il-verita qomt naqra tard. ...Jiena ma rajthomx [jigu fl-idejn], jiena kont fil-garaxx, ghidt hekk ghax rajtilha d-demm u assumejt, u qaltli li kienet kesksitilha l-kelb ..... Ma nafx kif jien kont ghadni fil-garaxx".*[39]

**Vivienne Oliviera Drummond** tixhed kif fit-18 t'Awissu 2022 għal xi 7pm ħarġet bil-kelb u għaddiet mill-istess rotta kif tagħmel ta' kuljum f'Attard. Kif wasslet fi Triq il-Linja il-kelb tagħha għamel *excrement* maħlul li ma setgħax jinġabar għalkemm fuqha kellha l-borża apposta. Għalhekk baqgħet miexja u x'ħin dahret għal Triq Mikiel Scerri biex tmur lejn darha semgħet għajjat ta' mara u sabet mara rrabjata ħafna *"yelling, yelling and said bad words to me... fuck you, fuck you mother, fuck your family. You're a bitch…… I turn around again to go home and I walk and then I felt a push in my shoulder….seconds ….on my shoulder behind…".*[40] Dahret u wissietha ma tmissiex iżda din kompliet bl-għajjat u għalhekk reġgħet dahret biex tkompli fi triqtha.

Meta mxiet ftit il-quddiem ***"I heard a man's voice and then I turn around to see and there is a man behind me yelling and speaking in a language, I feel the same language the woman, I didn't understand the language. And he is telling me also bad words….. The same you are a bitch, fuck you the same bad language. ….. This woman pushed me. And he continue yelling so I turn around again to***

---

[37] Fol.32
[38] Fol.33
[39] Ibid.
[40] Fol.53-54

***go home to make my way. Then I felt a hit here in my bottom ….". Kif dahret lemhet lir-ragel qed inizzel saqajh u b'hekk indunat li kien ta daqqa ta' sieq.***[41]

Mistoqsija kienitx il-mara li tatha id-daqqa hi ċara ***"No absolutely not the woman was far away from me"*** **iżda l-imputat kien *"very close"* at arm's length.**[42]

Dak il-ħin dahret lejh u staqsietu *"are you crazy ? And he continue yelling and I turn around to go home. I am alone I don't want to stay there sorry*[43]*….* ***I turn around to go home again and then I felt a very hard punch"*** bix-xhud tindika li d-daqqa li ħasset kienet waħda bil-ponn fuq il-parti laterali tal-lemin tan-naħa t' isfel ta' għonqha. Kien hemm li bid-daqqa waqalha in-nuċċali w niżlet biex ġabritu w fl-istess ħin wissietu li ser ċċempel lill-pulizija. Meta qalet hekk avviċina lill-mara u telqu minn fuq il-post.[44]

Peress li riedet iżomm xi prova għall-pulizija, reġgħet dahret u x'ħin wasslet fil-post fejn il-kelb kien ħammeġ rat lill-imputat fil-vettura li kienet wieqfa nofsha fuq il-bankina u nofsha fit-triq kif jixhed ir-ritratt meħud minnha.[45]

Biex tieħu ritratt tan-*number plate* marret wara l-vettura fin-naħa ta' fuq tar-rampa hekk kif qed tieħu ritratt tal-pjanċa rat ir-*reversing lights* tal-vettura jinxtegħlu u l-vettura instaqet fid-direzzjoni tagħha. Għalhekk ħarġet minn warajha hekk kif l-imputat saq l'hemm lejn il-pont li jinsab fi Triq il-Linja.[46]

Wara ċemplet lill-żewġha u fuq struzzjonijiet mill-pulizija marret il-Policlinic tal-Mosta u wara baqgħu sejrin jagħmlu rapport l-Għassa ta' B'Kara.[47] L-akkadut ħalliha imbezza tant li ma għadhiex tieħu l-istess rotta meta toħroġ il-kelb għaliex tibża li terġa tiltaqa mal-koppja.[48] Drummond identifikat lill-imputat bħala l-raġel li aggrediha.[49]

In kontro-eżami tikkonferma li meta l-mara, mart l-imputat, bdiet tgħajjat magħha w tinsulentaha. Tammetti li hi nsulentata lura bl-Ingliż bil-kliem li użat

---

41 Fol.55-56
42 Fol.56
43 Ibid.
44 Fol.57
45 Fol.57. Ritratti **Dok.GM** a fol.15-17. Ritratti oħra esibiti minnha juru il-kelb żgħir bħala **Dok. VD** a fol.75-77
46 Fol.58-59
47 Fol.60
48 Fol.61
49 Fol.62

il-mara fil-konfront tagħha *"Maybe yes because I am nervous"*.[50] Hi definittiva meta tafferma li il-mara qed tigdeb meta tgħid li l-kelb tagħha feriha *"She is lying"* u tiċħad li rat xi dmija fuq subgħajha *"My dog didn't bite her"*.[51] Għalkemm tbenġil ma kellhiex baqgħet tħoss uġigħ fuq in-naħa ta' wara tal-għonq lejn il-lemin tax-xedaq.[52] L-ewwel daqqa kienet fuq in-naħa t'isfel ta' darha w tbenġil ma kienx hemm.[53]

**Pedro Overbeck Mendonca**, ir-raġel ta' Drummond, spjega kif kien id-dar meta martu ċemplitlu tibki u mwerwra għaliex kienet għada kemm ġiet aggredita minn raġel.[54]Mar għaliha bil-karozza u qabel ma ħareġ qal lill-binthom iċċempel lill-pulizija. Kif ġabar lill-martu għaddew sad-dar biex iġġib xi dokumenti w ġie rakkomandat lilhom sabiex l-ewwel tiġi eżaminata w għalhekk marru l-Policlinic tal-Mosta. Wara sar rapport l-għassa ta' Birkirkara. Dwar martu jgħid li l-akkadut ħalliha mwerwra fis-sens li ma tridx tibqa waħedha *"It's something really difficult for us"*.[55]

L-imputat **Elton Buckingham** għażel li jiesu l-pedana tax-xiehda w spjega kif flimkien ma martu kienu ser iħallu darhom biex imorru jiġbru lit-tifel tagħhom. Hu kien fil-vettura li ftit qabel ħariġha mill-garaxx. Kif martu kienet ser tirkeb fiha raw mara li waqfet quddiem il-garaxx b'kelb li ħammeġ quddiem il-garaxx u ma ġabritux. Martu ħarġet mill-vettura mid-*drive way* u marret wara din il-mara biex tgħidilha tiġbru. Hu baqa fil-vettura li kienet nofsha fuq ir-rampa u nofsha fuq il-bankina sakemm martu telqet warajha bil-mixi.[56] Wara xi ħin sema lill-mara targumenta u mar jara x'gara. Dawn kienu wara l-kantuniera fejn mid-dar tiegħu kien hemm ftit tul mhux ħażin għal fejn wasslu n-nisa li semagħhom joffendu lil xulxin.[57] Kif wasal fuq il-post martu wrietu li kellha xi dmija f'subgħajha li skond hi kien riżultat li l-mara keskset il-kelb għaliha. Din bdiet tgħajjat f'wiċċu *"Your Wife, Your wife"* u *"Jien dak il-ħin ressaqtha hu. ... b'idejja, b'idejja [il-leminija] ...b'id wahda....."*. Waqalha in-nuċċali *"xħin jien ressaqta, u waqgħatilha ear pod waħda, hi ma waqqgħet jew hekk jiġifieri, ġabrithom"* u qal lill-martu biex jitilqu l'hemm.[58]

Ikompli li l-*mara "Baqgħet ġejja warajna u tkellem ħażin lill-mara; jien fl-ebda ħin ma kellimtha ħażin jiġifieri għax jien l-argument mhux miegħi kien, at the end of the day,*

---

[50] Fol.63-66
[51] Fol.66-67
[52] Fol.72
[53] Fol.73
[54] Fol.79
[55] Fol.82
[56] Fol.132-133
[57] Fol.134
[58] Fol.135-136

*u baqgħet ġejja warajna, u li innutajt xħin ħarist warajja, għax jiena dak il- ħin anke li ġiet ma' wiċċi, bil-kelb kienet, ma ridtx naqla' xi gidma ta' kelb, u din bil-dan, u indunajt li qed tieħu bil-camera tagħha għax kellha l-flash light mixgħula tal-mobile. .... Jiena f'dak il-ħin dħalt fil-karozza, dħalt fil-karozza tiegħi, il-mara, għax fl- istess frattemp waslu l-kunjati, il-kunjatu niżżel lill-kunjata quddiem id-dar, jiġifieri ħdejn il-karozza fejn kienet tagħna biex tidħol u hu mar jipparkja, u dak il-ħin il-mara bdiet tgħid lil ommha biex tidħol ġewwa ..... ġiet mill-ġenb tal-karozza, bdiet tieħu ritratti jew video, .... u bdiet tieħu fuq quddiem tal-karozza, ....u niżlitli fir-rampa tal-garaxx u dak il-ħin jiena qbadt ir-remote u bdejt nagħlqu....Il-garaxx, biex ma tidħollix fil-garaxx.". Mart Buchinghan rikbet fil-vettura u hu saq lejn il-bridge li hemm faċċata tal-petrol station".*[59]

Irritornaw id-dar wara l-10pm u waqt li kienu barra ċempel l-Għassa ta' Birkirkara. Qalhom biex jekk xi hadd imur jagħmel rapport jkellmuh sabiex jagħti l-verżjoni tiegħu w huwa ngħata parir jagħmel rapport.[60] Peress li l-għada kien 'off' iddeċieda jagħmlu l-għada. L-għada filgħodu, kif ħareġ mill-bieb, sab il-pulizija li ġabru xi cameras u mar jagħmel rapport. Filgħaxija sar jaf li kien sar rapport fil-konfront tiegħu w baqa ixxukkjat għaliex issemma li kien tajjar u aggredixxa mara.[61]

L-imputat jiċħad li f'xi ħin il-mara tagħtu darha jew li taha daqqa ta' sieq iżda li għamel kien biss li b'id ċatta ressaqha meta ġiet *"frontal mieghi, tghajjat..... kif ġiet kienet, wiċċ imb'wiċċ ġejna għax hi l-istess tu l tiegħi kienet, jiena biex inressaqha bilfors b'idejja rrid nimbuttaha."*.[62] Buckingham jiċħad li uża xi forza għax kieku kienet taqa' mal-art *"l-unika manuvra li għamilt jiena bil-karozza li ħriġt mir-rampa, hi ma kienitx quddiem il-karozza ovvjament, baqgħet fuq il-bankina mbagħad u xħin ġejt fil-kisra biex nitla għall-bridge, irriversjajt biex inkompli nitla' 'l fuq, dan f'nofs it-triq, ir-reverse; biex qlajt ovvjament mir-rampa, nofsha r-rampa nofsha l-bankina bil-quddiem qlajt."*.[63]

In kontroeżami jikkonferma li lill-mara waqalha wieħed mill-*air pods* iżda mhux in-nuċċali. Buckingham jixhed li l-għemil tiegħu meta messha bil-pala ta' idejh ma kienx lejn wiċċha iżda aktar l-isfel.[64]

Madanakollu jiġi konfrontat li mal-pulizija semma li ***"f'wiċċha"*** filwaqt li matul id-depożizzjoni tiegħu jagħmel mossi li permezz tagħhom il-wiċċ qed jiġi evitat u hi l-parti taċ-*chest* li jindika, il-parti aktar l-isfel mill-għonq! Dan meta kienu

[59] Fol.137-138
[60] Fol.139
[61] Fol.139-140
[62] Fol.140-141
[63] Fol.141
[64] Fol.142

it-tnejn tal-istess statura u t-tnejn fuq il-bankina. Ftit jagħmel sens li biex twarrab il-mara il-moviment kellu jkun l-isfel kif jipprova jagħti l-impressjoni l-imputat. L-imputat jiskontra **diffikultà kbira** jipprova jispjega il-mossa li permezz tagħha mess mal-mara l-ewwel darba meta, b'konsegwenza, waqatilha l-*air pod* iżda wara jsemmi li in-naħa tal-spalla, *"Jekk ilqatta' f'wiċċha, l-isfel żgur...in-nuċċali niżel naqra , u irranġatu, u ġabret l-air pod"*.[65]

Jgħid li x'ħin sema l-għajjat u għaraf leħen martu mexa lejhom u dawn kienu għadhom jittajru malli wasal hu. Kien hawn li meta huma telqu il-mara mxiet għal warajhom u kien f'dak il-ħin li kien hemm il-kuntatt fiżiku magħha:

*"Ix-xhud: Le ta, kienu għadhom qed jitgħajjru xħin wasal jien.*
*Parte Civile: Imbagħad?*
*Ix-xhud: Wara ġiet warajna.*
*Parte Civile: Mela, bejn il-mument li kienu qed jitgħajjru, imbagħad ġiet warajkom, ara taqbilx miegħi li kien hemm il-kuntatt tiegħek magħha?*
*Ix-xhud: Eżatt.*
*Parte Civile: Taqbel miegħi?*
*Ix-xhud: Eżatt.*
*Parte Civile: Mela kien hemm il-mument li int wasalt u sibt iż-żewġ nisa, waħda minnhom il-mara, qed jitgħajjru, kien hemm l-inċident, imbagħad intom mortu lura għall-garaxx,*
*Ix-xhud: ezatt,*
*Parte Civile: u hi ġiet u ħadet il-video jew ritratti x'ħadet. Sewwa. Issa, jien ħa nsaqsik dwar dak l-interim ta' bejn li wasalt int u li bdiet ġejja,*
*Ix-xhud: warajna, ..."*[66]

Il-Qorti tistaqsi l-ovvju: jekk bdew mixjin l'hemm fi triq wiesa immens, **għaliex kellu jdur biex jimbotta lil Drummond b'mod frontali**. Xi ħin bilfors dar lejha jekk irid jitwemmen li ressaqha lura frontalment? U għaliex kellu jagħmel dan jekk kienu qabdu triqthom lejn darhom u hi kienet warajhom? Ma setgħux ħaffu l-pass? Assolutament spjegazzjonijiet li peress li mhux miżrugħa fil-verità w s-sewwa ma jagħmlu ebda sens u jikxfu l-ingann li jipprova juża mal-Qorti.

Jinsisti li Drummond fl-ebda ħin ma bdiet miexja fid-direzzjoni opposta w tagħtu dahra, u dan minkejja li meta **fl-istqarrija ġie mistoqsi tahiex xi daqqa ta' sieq wieġeb *"ma jidhirlix."*.** Mitlub jispjega din l-inkonsistenza u jekk setgħax mqar laqatha fil-kommozzjoni jiċħad li f'xi ħin taha daqqa ta' sieq.[67]

[65] Fol.143-144
[66] Fol.145
[67] Fol.147

Ikkonferma li l-mara resqet viċin il-karozza mill-ġenb biex tieħu ritratti a fol.16 u wara dak a fol.15 tal-vettura tiegħu, u dan meta l-vettura kienet startjata għaliex x'ħin sema l-għajjat il-vettura kien ħariġha mill-garaxx u ħalliha f'nofs il-bankina.[68] Fil-waqt li Drummond kienet qed tieħu r-ritratti l-vettura kienet startjata u meta daħħal ir-*reverse* din kienet fuq il-bankina viċin ir-rampa.[69]

Diffikultà oħra li jiskontra l-imputat hi meta jiġi biex jispjega li minkejja li l-*Orderly* għall-ħabta tas-7:30[70]-7.45[71]qaltlu jagħmel rapport minnufih, dan għażel li jagħmlu biss l-għada. Jixhed li kien fil-ħin li marru tal-*forensic* fuq il-post kien il-ħin li kien sejjer jagħmel ir-rapport. Madanakollu mill-**Current Incident Report** jirrizulta li r-rapport ma sarx *"l-ewwel xogħol filgħodu"*[72] kif jisħaq li qal lill-martu l-lejl ta' qabel, iżda fil-**11:16am**. L-imputat jikkonferma li meta ċempel lill-*Orderly* lanqas ma kien semma li martu kellha xi dmija ma subgħajha.[73]

Kemm aktar hu minnu w jagħmel sens li l-imputat mar jagħmel rapport x'ħin intebaħ li l-pulizija bdiet tinvestiga l-każ fil-konfront tiegħu! Fil-fehma tal-Qorti Buckingham għażel li ma jagħmel l-ebda rapport viċin l-inċident bit-<u>tama li l-aggressjoni minnu mwettqa tmut mewta naturali</u>.

**Denise Buckingham** spjegat kif fil-jum in kwistjoni rat mara tħalli l-kelb tagħha jħammeġ quddiem darha mingħajr ma ġabritu iżda hekk kif din injorata, marret warajha tilħaqha u qabditha minn spallejjha. Din bdiet tghajjarha u tagħmel ġesti oxxeni. Tgħid li rrejaġixxiet bl-istess mod.[74] Dak il-ħin mar l-imputat fuqha w qalilha biex jitilqu minn fuq il-post. Indunat li kellha dmija fuq is-swaba ta' saqajha iżda fl-ebda ħin ma rat jew ħasset il-kelb jigdimha għalkemm issemmi li Drummond kesksitilha l-kelb għaliex din ħalliet il-*leash loose*. Meta bdiet tgħajjat ma żewġha *"Elton ressaqha... B'idejh mela..."* u b'konsegwenza waqatilha l-*air pod*.[75] Minn hawn diġà turik li mhux xa kienx xi moviment leġġer l-ispinta li taha żewġha lil Drummond!

Stranament tixhed li meta l-mara ġiet wara l-vettura tagħhom tieħu r-ritratti l-imputat wissiha biex *"Ara ma tolqot xejn" ghax din ġiet warajna u bdiet tiehu r-*

---

[68] Fol.149-150
[69] Fol.151
[70] Fol.89
[71] Fol.97
[72] Fol.152: *"Dakinhar ma mortx nagħmlu għax domna sa filgħaxija, wara l-għaxra, infatti anke dak ir-ritratt li ħadt, fl-għaxra u nofs wasalna lura d-dar, ovvjament bit- tfal, kulħadd kien għajjien, u għidtilha lill-mara, "filgħodu, l-ewwel xogħol ħa ninżel l-għassa nagħmel rapport," kif issuġġeritli l-pulizija stess jiġifieri tal- għassa."*
[73] Fol.154
[74] Fol.163-164
[75] Fol.165-166

*ritratti tal-karozza u tan-number plate u kelli t-tifel fil-karozza .....Ma nolqot xejn mill-karozza hand break u affarijiet hekk fi x' hin nidhol. Ghax kienet qieghda wara l-karozza".* [76]

**Altru li x-xiehda ta' din il-mara kienet intiża biss u *rehearsed* fl-attentat li xxejjen l-allegazzjonijiet li saru mill-prosekuzzjoni li Elton prova jirriversja fuq Drummond.** Għaliex kellu jgħidilha tippresta attenzjoni biex ma tolqotx *hand break* meta kien hu li kien qed isuq! Kemm kien ikun aħjar li kieku din il-mara ma xehditx għaliex kif ser jintwera x-xiehda tagħha serviet biss biex issaħħaħ il-każ tal-prosekuzzjoni.

Tkompli tixhed li wara li Elton ressaq lil Drummond, huma bdew mixjin l'hemm u Drummond bdiet miexja għal warajhom. Tisħaq li wara li Buckingham ċarrat *ligament* f'sieqi jimxi bil-limitatazzjonijiet tiegħu u ma jistax jagħmel ħinijiet twal bilwieqfa.[77]

Dwar dan id-dettal <u>ma nġab l-ebda ċertifikat</u> iktar u lanqas ma ntwera li l-imputat mhux kapaċi jiżvolġi l-funzjonijiet tiegħu *to the fullest extent* bħala uffiċjal tal-pulizija.

Fil-Current Incident Report hi semmiet li d-demm kien fuq *"it-tieni u t-tielet suba tal-id ix-xellugija"*[78] Tixhed li <u>ma ħasset l-ebda gidma tal-kelb</u> li kien maġenb Drummond.[79] Qatt ma tixhed li kien il-kelb li għamilha l-ġrieħi; ġriehi li għażlet biss li jiġu ċertifikati **23 siegħa wara, fil-18:56hrs tal-għada,** id-19 t'Awissu, 2022[80] fejn dawn il-ġriehi kienu limitati biss għal *"Bruise noted at left second and third fingers **<u>at tips</u>**".* Anzi tasal tammetti li **l-kelb** baqa *"Fl-art, fl-art"* u ma ndunatx jekk gidimix għaliex *"Le dak il-ħin le għax l-emozzjoni kienet qawwija"*[81] .

Dak li mbagħad tipprova twassal lill-qorti għalih hu li l-kelb **seta'** lahqilha swaba ta' idejha għaliex hi ma kienitx liebsa takkuna *"Lahaqhom eżatt*[82] *....Messni ghax halqu ġie hdejja"*[83]*!!* Esaġerazzjoni meta jitqies id-daqs tal-kelb kif juru r-ritratti tiegħu[84] u l-fatt li Denise mhix xi mara qasira.

---

76 Fol.167
77 Fol.170
78 Fol.26
79 Fol.175
80 **Dok.DB** a fol.189
81 Fol.174
82 Fol.175
83 Fol.176
84 **Dok.VD** a fol.55-56

Esaġerazzjoni oħra temana miċ-ċertifikat mediku li tippreżenta hi stess fejn filwaqt li tipprova tagħti l-impressjoni li kien hemm xi dmija fis- swaba, kif ġa intqal dan juri li l-ġrieħi kienu biss fuq il-*finger tips* u mhux is-swaba *per se,* kif ukoll kien hemm *"dried blood under 2nd fingernail".*[85]

Jkompli jimpingi fuq in-nuqqas ta' kredibbilita tat-teżi difensjonali tal-imputat u tal-mankanza ta' veracità tax-xiehda ta' martu, il-fatt li kien biss wara li Buckingham sar jaf li qed jiġi investigat mill-Pulizija li ġie preżentat ċertifikat. Magħdud ma dan hemm id-dettal daqstant ieħor importanti li meta ċempel lil *Orderly* ma kien semma xejn rigward din id-dmija li tant skonvolġitu *kif isemmi fl-istqarrija "Kif wasalt hdejhom Denise qaltli ara x'ghamlitli u kulma rajt demm fuq subghajha u* <u>*ma ergajtx harist ghax jien nibza mid-demm, jdejjaqni*</u>*[86]".*

Tant hu hekk li meta għamlu r-rapport tagħhom l-Għassa l-għada filgħodu fil-11:16hrs ma kienux għadhom preżentaw iċ-ċertifikat mediku l-Għassa <u>kif solitament isir</u> fejn mar-rapport jiġi preżentat ċertifikat mediku! Ġiet eżaminata fil-18:56hrs[87] seba' (7) sigħat wara ir-rapport li sar l-Għassa dwar inċident li kien seħħ il-jum ta' qabel għall-ħabta tas-7.30pm!

Tassew xiehda hekk mqanżħa mogħtija f'tentattiv difensjonali ftit rat il-Qorti!

Ix-xiehda ta' Denise Buckingham hi waħda nieqsa minn kull uqija ta' kredibbilità u msewwsa minn gideb u ħolm! Il-komportament tagħha fuq il-pedana tax-xiehda kien wieħed li tassew nissel dieqa fil-Qorti meta deher ċar kif din l-imsejkna mara, biex tipprova tgħin lill-żewġha u tippreserva s-sors tal-għixien tagħhom, tagħmel dikjarazzjonijiet inkonsistenti u kemm il-darba li jirriżentaw ir-ridikolu. Aktar kawża ta' tħassib kien il-fatt li dawn id-dikjarazzjonijiet ingħataw wara li ġie amministrat lilha il-ġurament!!

Id-diffikultà ta' mart l-imputat biex tkun koerenti fit-testimonjanza tagħha terġa tiġi riflessa meta mitluba tispjega kif qabdet lil Drummond kemm il-darba din tgħid li kienet <u>hi</u> stess li qabditha minn ħwejjiġha fuq in-naħa ta' dahra. L-istess jiġri meta mitluba tiddeskrivi l-għemil ta' żewġha biex ressaq l'hemm lil Drummond fejn fil-bidu turi li l-moviment sar b'mod laterali mingħajr ħtieġa li jiftaħ driegħu iżda wara tgħid li l-moviment sar b'mod frontali. Tgħid li sa fejn taf hi messa bejn sidirha w l-istonku, *"ressaqha, ressaqha"* iżda ma tafx x'saħħa uża biex jagħmel dan *"ressaqha imma ma niftakarx l-intensita....jiena naf li ressaqha u naf li waqgħet l-air pod".*[88]

---

[85] **Dok.DB** a fol.189

[86] Fol.32

[87] **Dok.DB** a fol.189

[88] Fol.185-187

Ikkunsidrat,

Il-Qorti hi rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kontrastanti. Waħda tal-vittma li tinsisti li, wara li sofriet l-ewwel daqqa minn Denise Buckingham, kien l-imputat li f'żewġ okkażjonijiet aggrediha fiżikament u l-oħra tal-koppja Buckingham fejn it-teżi difensjonali tal-imputat tattribwixxi l-aggressjoni fuq il-parti tal-għonq Drummond lil mart l-imputat.

Il-Qorti tal-appell Kriminali kellha okkażjoni tesprimi ruħha fuq tali sitwazzjoni fejn ikun hemm verżjonijiet konfliġġenti jew kontrastanti:[89]

> Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:
>
> "Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."
>
> Jigi osservat ukoll li x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar.[90] U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal għall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".[91]

Abbraċċjat dan it-tagħlim, diversi huma l-osservazzjonijiet tal-Qorti meta ser tiġi biex tiddetermina liema verżjoni għandha tingħata kredibbilità w affidabbiltà:

1. Fl-ewwel lok, u hu rilevanti ferm, kif dwar l-ewwel kuntatt fiżiku, dik dwar id-daqqa fuq il-warrani ta' Drummond, id-difiża ma ssemmi xejn u għalhekk skond hi din qatt ma seħħet.

   It-teżi difensjonali tal-imputat kif anke jintwera fit-trattazzjoni orali, hi li l-vittma ivvintat l-istorja kollha u skond l-istess abbli difiża, peress li ma rriżultaw l-ebda tbenġil, tissottometti li din gidbet.

[89] **Il-Pulizija v. Charlton Chetcuti**. Per Onor. Imħallef Dr. David Scicluna. Deċiża nhar l-10 ta' Marzu, 2006. Numru 127/2006
[90] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9
[91] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957

Il-Qorti ma taqbilx. Il-vittma ma kellhiex għalfejn tivvinta storja hekk elabaorata sempliċiment għaliex kelb ħammeġ quddiem bieb in-nies, att li fih innifsu jmur kontra l-***Litter Act.*** Ċertament min jaf li għamel ħażin ma jfittix il-*limelight* iżda hu mistenni, loġikament u kif jgħallem is-sens komun, li jaħbi idu. Jekk hu minnu li din ivvintat storja li ġiet attakkata - xi haġa li d-difiża ma rnexxilhiex tipprova lanqas fuq bażi ta' possibilità! - għaliex kellha terġa issegwi l-koppja u tmur tieħu ritratti tan-number plate tal-vettura li riekba fiha.

Dan hu għemil ta' persuna li **ħasset ruħha aggravata w kienet qed tiġbor provi biex tixli lil ħaddieħor**. Persuna li ma ġietx aggredita u qegħda fl-iżball qatt mhu ser terġa tirritorna għal xejn b'xejn biex tiġbor provi kontra tagħha! Bid-dovut rispett it-teżi difensjonali tal-imputat tfalli minn kull aspett kif ser jiġi muri hawn taħt tenut kont id-diffikultajiet li x-xiehda tad-difiża jiskontraw u l-inkonsitenzi li jemanaw mill-provi proċesswali.

2. Għall-kuntrarju il-verżjoni ta' Drummond, mogħtija diversi drabi, hi waħda konsistenti, msejsa fuq il-verità u korroborata mill-fatti. Ix-xiehda tagħha indubbjament għandha mis-sewwa.

   Ma inġabet l-ebda prova għaliex Drummond kellha tigdeb dwar min aggrediha. Ma kellha l-ebda diffikultà terġa tinvolvi l-mart l-imputat rigward l-ewwel kuntatt fiżiku w daqstant ieħor ma kien hemm xejn xi ġġiegħelha tixhed li ma kienitx l-istess mart l-imputat li aggredita fiżikament. Ma jridx jintesa li l-ewwel imbottatura wasslet minn Denise Buckingham kif tammetti hi stess, *"jiena mxejt warajha u qbadtha minn wara"*[92]

3. Minkejja li ntalbet tagħti l-verżjoni tagħha diversi drabi fil-kors tal-investigazzjonijiet fil-konfront tal-imputat kif ukoll *viva voce*, id-dettalji li tagħti u s-sekwenza dwar kif seħħet l-aggressjoni ma fihom xejn xi tlum dwarhom.

   Huma konsistenti, bix-xiehda tagħha tkun waħda mexxejja u mhux mogħtija bis-sulluzzu bħal dik tal-imputat u ta' martu fejn huma inkapaċi jagħtu risposti koerenti jew jidħlu f'dettalji partikolari meta l-abbli prosekuzzjoni u l-parte civile jistaqsuhom dwarhom.

---

[92] **Dok.GM4** a fol.26

(i) Fir-rapport li Drummond għamlet mal-pulizija dakinhar stess tal-aggressjoni tgħid:

*"**I heard the voice of a man. I looked back and noticed a man. He started to speak in a language I did not understand. I told him your wife touched me and then he started to say bad words to me in the English language like fuck you, you bitch and other bad words in English. I tried again to leave from there and then I felt someone hitting me in the bottom area. I turned and i noticed that the man, that at the time was the only one near me, had kicked me with his foot**. I told him 'your crazy' **and i turned to walk again and he punched me in the back of the neck area**. When this man punched me in the back of my neck my optical glasses fell from my face.*

(ii) L-għada tal-każ meta mitluba terġa tagħti l-verżjoni tagħha tgħid:

***"When I was in Triq Dun Mikiel Scerri I heard a man's voice, then after I turned around and his man was talking saying bad words, I turned around to go to my home when I felt a kick from behind. When I turned around to see I saw the man's leg going down and after that I felt a punch in my neck from behind as well. My glasses dropped on the ground, I picked my phone and said u will call the police."***[93]

(iii) Meta Drummond ġiet msejjħa il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija mill-Ispettur Jessica Bezzina, għal darba oħra rakkontat l-istess verżjoni.

4. L-intenzjoni tal-imputat tiġi riflessa mill-għemil tiegħu li ma kienx xi wieħed spontaneju iżda maħsub w intenzjonat tant li bil-pass mexa biċċa triq sew biex mar għal warajha! Dan jemana mill-fatt li mhux kontestat L-inċident gara quddiem ir-residenza tiegħu li tinsab fi triq il-Linja, Attard[94] iżda l-kuntatt mal-mara seħħ fi Triq Dun Mikiel Scerri. Hu stess issemmi[95] u b'ritratti juru li dawn it-toroq kienu mbegħdin![96]

5. Wara li rnexxielha tieħu ritratt tal-imputat fejn ġie jidher biss mill-ġenb, marret wara l-vettura biex tieħu ritratt tan-number plate u hekk kif kienet qed tieħu r-ritratt *"I saw the car reversing in my direction so i went out of the way and left to call my husband"*.[97]

[93] **Dok.GM5** a fol.30
[94] **Dok.GM5** a fol.28
[95] Fol.134
[96] **Dok.EB-Dok.EB3** a fol.156 et seq
[97] Fol.30

6. Il-Qorti tistaqsi. Kemm jista' jkun plawsibbli li persuna li aggredit tnejn minn nies, wieħed minnhom raġel ta' ċerta portata, kienet sempliċiment biex tkompli tisfidhom, terġa terħila għal warajhom minflok taħrab minn fuq il-post u tiġbed ritratti? Assolutament xejn Hadd mill-koppja Buckingham ma semmew li meta ġiet warajhom kompliet tgħajjarhom jew tinsulenthom!. Għaliex l-aġir tagħha jissostanzja u jagħti kredibbilità l-verżjoni tagħha. Hi ġiet aggredita u iddeċidiet tagħmel rapport. Għalhekk biex tkun taf fil-konfront ta' min kellha tagħmlu marret warajhom u ġibdet xi ritratti.

7. Il-Qorti temmen li l-għemil tal-imputat, li rriversja l-vettura meta Drummond kienet fir-rampa warajha, ma kienx għajr sforz li jbeżżaha biex ma tkomplix tiġbor provi kontra tiegħu! Tant beża issa li irrealizza li din il-mara kienet ser iċċempel lil-pulizija, li ċempel l-għassa biex jitlobhom jinformawh jekk isir xi rapport fil-konfront tiegħu.

   Persuna li ma għandha xejn x'taħbi dlonk tmur tagħmel rapport u mhux l-ewwel tistenna li jsir rapport kontriha u titlob informazzjoni dwaru qabel ma tagħmlu!!

8. Hu sinifikanti li Drummond tiddeskrivi kif meta qalgħet it-tieni daqqa minn wara din setgħet ġiet biss mingħand l-imputat li kien l-uniku persuna viċin tagħha *"l-unika persuna li kien qrib tagħha f'dak il-mument għax irrimarkat li l-mara f'dak il-mument kienet iktar il-bogħod kienet* ***ċerta mija fil mija li kienu hu li tahielha d-daqqa.****"*[98] L-istess kliem li qalet lill-pulizija dakinhar stess tal-aggressjoni meta marret tagħmel ir-rapport l-Għassa.

9. Ma jonqosx li jingħata piż ukoll lill-osservazzjoni li għamlet l-ispettur Bezzina u cioe kif sal-għada fil-jum li ġiet mitkellma minnha *"dehret viżibbilment imfixkla u mdejjqa u esprimiet li kienet qed tibza ħafna li dawn il-persuni jerġgħu jweġġhuha".*[99]

10. Il-jum ta' qabel Dr. Axisa wkoll għamlet osservazzjonijiet simili: *"Niftakar kienet naqra in a state of shock fis-sens kienet emotionally distressed*[100]

11. *Viva voce* terġa issemmi kif l-ewwel daqqa wasslet mingħand il-mara li kienet *"yelling, yelling and said bad words to me... fuck you, fuck you mother, fuck your family. You're a bitch…… I turn around again to go home and I walk and then I felt a push in my shoulder….seconds ….on my shoulder behind…".*[101]

[98] Fol.44 per Spettur Jessica Bezzina
[99] Fol.49
[100] Fol.36
[101] Fol.53-54

12. Meta laħqet imxiet il-quddiem ***"I heard a man's voice*** *and then I turn around to see and there is a man behind me yelling and speaking in a language, I feel the same language the woman, I didn't understand the language.* ***And he is telling me also bad words….. The same you are a bitch, fuck you the same bad language. ….. And he continue yelling so I turn around again to go home to make my way. Then I felt a hit here in my bottom ….when i turned around...the man is putting down his leg so i realised the push it was a kick..in my bottom"[102]".*** Mistqosija kienitx il-mara li tatha id-daqqa hi ċara ***"No absolutely not the woman was far away from me"*** iżda l-imputat kien *"very close"* at arm's length.[103]

    Dak il-ħin dahret lejh u staqsietu *"are you crazy ? And he continue yelling and I turn around to go home. I am alone I don't want to stay there sorry[104]….* ***I turn around to go home again and then I felt a very hard punch"[105]*** bix-xhud tindika li d-daqqa li ħasset kienet waħda bil-ponn fuq il-parti laterali tal-lemin tan-naħa t' isfel ta' għonqha.[106]

    Ma hemm l-ebda raġuni li għandha mis-sewwa u mill-buon sens li Drummond, meta diġà semmiet kif l-ewwel mbottatura wasslet mingħand Denise Buckingham -*"jiena mxejt warajha u qbadtha minn wara"[107]*- kellha għalfejn tinvolvi lil raġel ieħor intortament jekk mhux għaliex tassew iż-żewġ daqqiet li segwew ġew mingħandu.

13. B'dak li qalet lit-tabiba juri li Drummond ma qaghditx tesaġera biex tkabbar u żżejjen l-istorja u tivvinta xi uġigħ ulterjuri, anke jekk l-uġigħ hadd ma jista' jmerriħ kif, wara kollox, issostni tisħaq l-abbli difiza!

    Di fatti dan il-fattur jkompli jsaħħaħ l-affidabbiltà tagħha. Dr. Axisa tixhed *"she denied any . . . any headaches, head injury, naqra medical abbreviations ukoll, any loss of consciousness, nausea jew vomiting, visual disturbances, any shortness of breath or chest pain."*[108].

14. Aktar sinifikanti hi l-osservazzjoni li tagħmel Dr. Axisa fejn jidher li ma straħitx biss fuq dak li bdiet tgħidilha l-vittma *"Ma kelliex ghalfejn niddubita l-pazjenta le ghax x' hin ezaminajtha anke kienet qed tipprova tagħmel*

[102] Fol.56
[103] Ibid.
[104] Fol.56
[105] Fol.56-57
[106] Fol.57
[107] **Dok.GM4** a fol.26
[108] Fol.36

*certu rezistenza ma kinitx kapaci tagħmel full movement ta' ghonqha".* Dwar l-uġigħ fuq il-*lower back* il-vittma *"ugigh x' hin tkun qed timxi tkun qed tindikalek fejn tkun muġugħa".*[109]

15. Ma inġabet lanqas farka ta' prova li l-vittma kienet qed tivvinta l-uġigħ u l-skonfort biex idawwar għonqha. Il-provi ma jsirux sempliċiment b'teoriji w suppożizzjonijiet u jekk id-difiża riedet ixxejjen il-prova tal-prosekuzzjoni, setgħet tipprova sal-grad mistenni minnha li dak li ġie kkonstatat mit-tabiba ma hux kompatibbli mal-għemil aggressiv li xehdet dwaru Drummond.

16. Iżda kif qatt setgħet meta *ex admissis* l-imputat u martu jikkonfermaw li missewha b' Denise Buckingham tgħid *"jiena mxejt warajha u qbadtha minn wara"*[110] filwaqt li żewġha jridna nemmnu li kull ma għamel kien li *"ressaqha"* bil-pala ta' idu; meta assolutament ma kien hemm l-ebda raġuni għal dan tenut kont li fl-ebda ħin ma nstabu marsusin f'xi lok li ma ppermettiex li tinżamm distanza adegwata. Anzi it-toroq fejn seħħew l-avvenimenti inkriminanti huma wiesgħin ferm kif jixhdu r-ritratti li esebixxa l-imputat innifsu.[111]

17. Prova ta kemm Buckingham qed ikun inveritjier hi rigward il-mossa li jgħid li għamel fuq Drummond.

    Buckingham jgħid li kull ma għamel kien li *ressaqtha b'idejja u li niftakar dak il-hin li waqatilha ear pod u nizlilha n-nuccali.* [112]Konsegwentement jirrizulta li l-azzjoni ta' Buckingham bilfors ma tistax titqies bħala xi moviment ġentili jew leġġer u diffiċilment jiġi mifhum kif b'dak il-moviment jispiċċaw jaqgħu *air pods* li jkunu issikkati fil-widnejn tant li persuni jimxu w saħansitra jiġru bihom f'widnejhom!

    Dan juri li d-daqqa kienet waħda b'saħħitha, viċin ir-ras u mhux l-istonku u minn wara; propju kif semmiet Drummond**:** *"I felt a kick from behind. When I turned around to see I saw the man's leg going down and after that I felt* ***a punch in my neck*** *from behind as well.* ***My glasses dropped on the ground,.."***[113]

18. Mhux ta' b'xejn l-imputat sib diffikultà jispjega mill liema parti ressaqha b'idejh. U hawn il-Qorti tagħmel mistoqsija retorika: għalxiex kellu

[109] Fol.39
[110] **Dok.GM4** a fol.26
[111] **Dok.EB-Dok.EB3** a fol.156 et seq
[112] Fol.33
[113] **Dok.GM5** a fol.30

jressaqha? Ma kienux f'xi sqaq maqbudin mingħajr alternattiva ta' ħruġ għajr li trid tressaq lil xi persuna oħra, f'post fejn safa kostrett! Din kienet triq wiesgħa[114] u setgħa faċilment għamel passi lura. Il-verità hi li dak kollu li jixhed b'ġurament l-imputat hu finzjoni w verżjoni inveritjiera intiża biex issalva l-karriera tiegħu li minħabba azzjonijiet li ġraw f'mumenti ta' nuqqas ta' ħsieb, issa li irrealizza dak li kien qed jissogra jitlef!

19. Ftit jagħmel sens dak li stqarr l-imputat meta interrogat u cioe li ma jagħmilx rapport mill-ewwel għax ma kienx jaf l-identità tagħha u daqstant ieħor hu argument nieqes mis-sewwa li stenna lilha tagħmel rapport kontra tiegħu meta skond l-imputat stess, kienet hi li wettqet reat kontra l-L*itter Act.* Il-qorti temmen li l-imputat stenna li jsir rapport fil-konfront tiegħu propju għaliex kien konxju tal-għemil tiegħu fil-konfront tal-persuna. Kien mistenni li persuna li tiġi aggredita, tagħmel rapport kontra l-aggressur. Dak li ma jagħmilx sens li persuna tirrapporta lilha nnifisha talli ħalliet annimal iħammeġ fi triq!

Fil-fehma tal-Qorti l-imputat ma jistax jagħti spjegazzjoni li għandha mis-sewwa għad-dewmien tiegħu biex jagħmel rapport u aktar jagħmel sens li dan iddeċieda jagħmel ir-rapport wara li ġie konfrontat bil-pulizija wara l-bieb li wrewh li qed jiġi investigat l-inċident tal-lejl ta' qabel.

20. Daqstant ieħor hi l-fehma tal-qorti li d-dettal dwar id-dmija, u ċioe li seta' kien kawżat mill-kelb ċkejken, ġie miżjud biex iżżejjen il-verżjoni tal-koppja Buckingham; dan meta il-"ġerha" suppost saret waqt il-kuntatt li kien hemm bejniethom ma Drummond kważi **sittax (16) il-siegħa qabel** ma sar ir-rapport tagħhom fil-11:16am u meta it-telefonata mal-Control Room saret "għal ħabta tas-sebgħa u nofs ta filgħaxija"[115] **f'liema telefonata li saret ftit tal-ħin wara l-akkadut ma ssemmiet l-ebda dmija!**

*Multo magis* il-Qorti temmen li Buckingham iżidu dettalji biex isebbħu r-rakkont tagħhom, meta jiġi kunsidrat li ċertifikat mediku dwar il-ġrieħi li suppost ġarrbet martu inħareġ ftit qabel ma skadew 24 siegħa mil-ħin tal-akkadut -(**18:56hrs** tad-19 t'Awissu, 2022)[116] -altru ħin biżżejjed biex jiġi xolt kull ness mal-inċident in kwistjoni.

Il-koppja Buckingham huma ferm ekonomiċi bil-verità!

---

[114] **Dok.EB-Dok.EB3** a fol.156 et seq

[115] Fol.89. Vide fol.97 li jindika l-ħin li l-imputat ċempel lill-*Orderly* bħala dak tal-7.45pm

[116] **Dok.DB** a fol.189

Inoltre it-teżi difensjonali tal-imputat u cioe li Drummond ivvintat l-istorja kollha, hi priva għal kollox min provi li jissostanzjawha. Anzi mhux talli hekk, iżda kif ġa intqal fejn il-mara ma kellha xejn x'jimpediha billi tkompli iżżejjen l-istorja u saħansitra tigdeb li kellha xi dardir jew imqar uġigħ ta' ras, hi konfermat mat-tabiba li ma kellha l-ebda minn dawn is-sintomi!

Kieku kien minnu kif isostni l-abbli difiża fis-sottomissjonijiet finali tagħha li ġaladarba ma kien hemm ebda tbenġil jew ħmura, m'hemmx prova tal-aggressjoni, isegwi bl-istess raġunament li meta ma setgħet tinġieb prova kuntrarja xejn ma impediha milli ssemmi sintomi oħra li ġiet mistoqsija dwarhom minn Dr. Axisa. Drummond ma qagħditx tistenna sal-għada biex tiġi eżaminata, konxja li ma kien hemm l-ebda dmija ħiereġ, tbenġil jew xi sinjali oħra apparrenti fuq ġisimha kif għamlet il-koppja Buckingham. Meta ingħatat istruzzjonijiet mill-Għassa biex tiġi eżaminata, dlonk hekk għamlet mingħajr inibizzjoni!

B'kuntrast għax-xiehda tal-koppja Buckingham, il-Qorti tqis li hi l-verżjoni ta' Drummond li għandha tiġi emmnuta u dan fl-intir tagħha. Jingħad ukoll li ċertament persuna li taħli ħin sabiex tiġi invistata ġo *clinic* bid-dewmien u inkonvenjenza naturali li tali viżita ġġib magħha, mhu ser isir sempliċiment sabiex tiġi ivvintata storja dwar persuni estraneji. Anke hawn id-difiża naqset milli tikkonvinċi l-Qorti, dejjem sal-grad mistenni minnha, li viżita tal-vittma ġewwa l-Policlinic ma żewġha kienet xi pantomima li ssokta bir-rapport u teħid ta' stqarrija fi tlett okkażjonijiet separati li Drummond kellha tagħmel fil-kors tal-investigazzjoni.

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni oltre milli ppruvat il-każ tagħha fir-rigward tal-ewwel erba' imputazzjonijiet.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, fil-kors ta' trattazzjoni orali tqajjem il-punt dwar jekk għar-reat kontemplat bl-artikolu 251(3) tal-Kodiċi Kriminali jinħtieġx li jkun hemm *course of conduct*, iċ-ċirkostanza tal-"imġieba" bħal ma jirrikjedu l-artikoli 251A u 251B tal-Kodiċi.

L-artikolu 251(3) jgħid:

> (3) Kull min jikkawża lil ħaddieħor biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), jeħel il-pieni preskritti fis-subartikolu (1) imnaqqsa b'grad wieħed jew tnejn:
>
> Iżda meta l-ħati jkun laħaq il-mira tiegħu, hu jista' jeħel il-piena stabbilita fis-subartikolu (2) imnaqqsa b'grad wieħed jew tnejn

Dan ifisser li sabiex javera ruħu dan ir-reat ma hemm ebda ħtieġa tar-rekwiżit tal-*"imġieba"* jew aħjar *"couse of conduct"*.

Iċ-ċirkostanzi wrew li tassew kellha għalfejn tibża Drummond li kienet ser tintuża vjolenza fil-konfront tagħha. Fil-fatt hekk kif din kienet mxiet lura għal ġo Triq il-Linja w daħħlet wara l-karozza li kienet inħarġet mill-garage u pożizzjonata parti sew fuq il-bankina fuq Triq il-Linja, din daħħlet fir-rampa u minn warajha bdiet tieħu ritratti tal-number plate tal-vettura li fiha kienu rikbin l-aggressuri tagħha.

L-imputat stqarr li hu ħassu urtat w rrabja li persuna qabdet tieħu ritratti propju anke billi daħħlet fi ħwejġu. Għalhekk jagħmel sens bil-bosta li dan ipproċeda biex irreaġixxa propju kif deskritt minn Drummond, wara li ikkonfermat kif kienet ipparkjata il-vettura u cioe ġa maħruġa l-barra fuq it-triq **bil-bankina maqbuża w issuperata** kif juri manifestament ir-ritratt li laħaq ittieħed minn Drummond (fol.15). Ma kien hemm l-ebda raġuni għalxiex l-imputat kellu għalfejn jirriversja lura għal ġor-rampa tenut kont il-wisa immensa tat-triq in kwistjoni (vide fol.16, 156-157):

| | |
|---|---|
| *"Xhud :* | *then i went behind the car...on top of the ramp....So I took the picture and I saw, I can see the plates and then I saw the light, the reverse lights lightning* |
| *Qorti :* | *It was on]* |
| | *yes switch on and moving forward in my direction* |
| *Qorti :* | *Towards you]* |
| *Xhud :* | *Yeah towards me* |
| *Qorti :* | *going towards you the lights* |
| *Xhud :* | *Yes. Then I went out of the way and the man, the car go away"*[117] |

Meta jixhed viva voce ma jinnegax li raha viċin il-vettura w minkejja dan xorta għażel li jirriversja meta t-triq hi wiesa biżżejjed biex tippermetti lil min ħiereġ minn fuq bankina joħroġ b'faċilita fuq iż-żewġ naħat tat-triq kif jixhdu r-ritratti a fol.16, 156-157.

Buckingham xehed:

> *"innutajt xħin ħarist warajja, għax jiena dak il- ħin anke li ġiet ma' wiċċi, bil-kelb kienet, ma ridtx naqla' xi gidma ta' kelb, u din bil-dan, u indunajt li qed tieħu bil-camera tagħha għax kellha l-flash light mixgħula tal-mobile……. Mela, ġiet mill-ġenb tal-karozza, bdiet tieħu ritratti jew video, ma nistax ngħidu jekk*

[117] Fol.58-59

*hux ritratti jew video, naf li kien hemm il-camera l-flash light mixgħula, u bdiet tieħu fuq quddiem tal-karozza, fil-ġenb fejn kien hemm it- tifel anke bilqiegħda fuq wara u niżlitli fir-rampa tal-garaxx u dak il-ħin jiena qbadt ir-remote u bdejt nagħlqu.* [118] *….*

*Parte Civile: Ara taqbilx miegħi, taqbel li f'mument – qed nurih, Sinjura, fol 15 – taqbel li f'mument minnhom kienet wara l-karozza tiegħek b'dan il-mod?*
*Ix-xhud: Fil-ġenb tal-karozza, dak mill-ġenb meħud għax ir-rampa hawnhekk qiegħda.*
*Parte Civile: Sewwa. Taqbel li kienet* ***maġenb*** *jien għidtlek? Taqbel li kienet hekk biex ħadet dan ir-ritratt?*
*Ix-xhud: Ovvjament hu…..*
*Parte Civile: Jiġifieri dan kienet għadha qed tapprowċjaha l-karozza.*
*Ix-xhud: Eżatt.*
*Parte Civile: Sewwa. Imbagħad wara li approwċjatha mela ħadet in-numru ħmistax (15), qed nifhem sew?*
*Ix-xhud: Eżatti…..*
*Parte Civile: Mela, meta startjajt is-sinjura Viviana fejn kienet? Taqbel miegħi li kienet qed tieħu r-ritratt ta' fol 15, tan-naħa ta' wara tal-karozza bit-targa?*
*Ix-xhud: Le, meta startjajt kienet għadha jiġifieri fuq il-bankina ġejja tieħu r-ritratti.*
*Parte Civile: Sewwa. U x'kienet ir-raġuni allura li ma qbadtx u soqt dak il-ħin?*
*Ix-xhud: Għax kienet qed tagħlaq il-bieba l-mara, dieħla, għax bdiet tgħid lil ommha biex titla' fuq.*
*Parte Civile: Però fol 16 tidhru kollha fil-karozza.*
*Il-Qorti: Dik waħda. U fol 15, hawnhekk inżilt mir-rampa u qiegħed ġot-triq, anke d- discesa maqbuża.*
*Ix-xhud: Ir-rampa li kont fiha hija tal-garaxx……..*
*Parte Civile: U daħħalt ir-reverse. U dak il-ħin, Viviana fejn kienet?*
*Ix-xhud: Fuq il-bankina.*
*Parte Civile: Fuq il-bankina, f'liema pożizzjoni, skont dawk ir-ritratti? Kienet il- pożizzjoni il-viċina jew il-pożizzjoni 'l bogħod?*
*Ix-xhud: 'Il bogħod mill-karozza, għax jien f'nofs it-triq ġejt hekk.*

*Parte Civile: Ok. Imma kienet fir-rampa qed nifhem, jew viċin ir-rampa.*
*Ix-xhud: Viċin ir-rampa."* [119]

Meta kellem lil *Orderly* tal-Għassa ta' Birkirkara wera kemm ħadha bi kbira li din azzardat tieħu ritratti tal-vettura:

---

[118] Page 5-6
[119] Page 18-20

> *"Minn fuq bdiet toħodli ritrattu tal-karozza….I mean b'liema jedd toħodli r-ritratti din!"* (00:02:10-00:02:20)

Fil-Current Incident Report[120] ukoll juri kemm kien urtat dwar dan il-fatt: "…..*li dejjaqni wkoll huwa l-fatt illi wara din il-mara ġiet lura u bdiet tieħu video għax rajt il-flash mixghula bil-karozza barra l-Garage. Il-Garage ghadu miftuh u dahlet fir-rampa tal-Garage u bdiet tiehu ritratt tan-number plate ta' wara".*[121]

Altru li raha wara l-vettura tiegħu! Iżda kemm hu aktar ovvju li minn kliemu stess juri li ġaladarba l-vettura kienet "barra l-Garage"[122] ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex irriversja fid-direzzjoni fejn din il-mara kienet qed teħodlu ritratti bil-ħsieb li jintwerew lill-pulizija li kienet semmiet mal-imputat mumenti qabel meta wara ż-żewġ daqqiet li sofriet wissietu li kienet ser tirraportah.

Peress li Drummond kienet ħadet ir-ritratti tan-*number plate* ma jistax jitqies li bl-għemil tiegħu l-imputat *"laħaq il-mira tieghu"* kif kontemplati bil-*proviso* għall-artikolu 251(3) tal-Kodiċi. Għalhekk il-piena kontemplata għar-reat ai termini tal-artikolu 251(3) tal-Kodiċi tibqa dik ta' sena sa erba' snin imnaqqsa minn grad sa tnejn u dan meta ma jitqiesx l-aggravju kontemplat bl-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali.

Madanakollu m'hemmx dubbju li għalkemm kien konxju li Drummond kienet qed tieħu ritratti tan-*number plate* fir-rampa minn wara l-vettura li kien qed isuq, ma ħasibx darbtejn biex irriversja. Fortunatament hekk kif rat ir-*reversing lights* jinxtegħlu hi ħarġet minn warajha u marret għal triqitha.

Minn dan jirrizulta li t-tieni imputazzjoni ġiet pruvata lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

L-istess jingħad dwar ir-raba imputazzjoni. Il-kliem li Drummond issemmi intuża mill-imputat jwassal sabiex immaterjalizza r-reat kontravvenzjonali kontemplat bl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

<u>L-imputazzjoni numru 5: ksur tal-Bon Ordni</u>

Dwar l-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali li jinsab imputat bih Buckingham, issir riferenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Ryan Falzon**:[123]

---

[120] **Dok.GM5** a fol.28 et seq
[121] Fol.29
[122] Ibid.
[123] Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera; Deċiża 14 ta' Mejju, 2020; Appell Nru: 298/2019

Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok taghmel referenza ghal gurisprudenza rigwardanti lartikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra li:

*'b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Marianne Abela u Joseph Sant'**[124] gie kkunsidrat li:
*'Kwantu għall-imputazzjoni li l-appellanta volontarjament iddisturbat il-bon ordni u l-paċi pubblika bl-għajat u bil-ġlied, liema imputazzjoni qiegħda tiġi bbażata fuq l-artikolu 352 (bb) tal-Kodiċi Kriminali, għandu jiġi osservat li dan l-artikolu 352 (bb) ġie kostatement interpretat minn din il-Qorti (ara Pulizija vvs Donald Zahra, 19 ta' April, 1950 Kollez. Dec. Vol. 10 XXXIV-IV-968 u s-sentenzi hemm ċitati) li jikkontempla fatti li jneħħu jew inaqqsu liċ-ċittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individali u għalhekk fatti ta' natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taħt ċirkostanzi tali li direttament jew indirettament jistgħu jikkonduċu għal reati oħrajn kontra l-persuni u s-sempliċi argumentat b'leħen għoli u xi ftit b'eċitazzjoni ma jikorix il-liġi;'*

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Paul Busuttil'**[125] fejn gie kkunsidrat li:

*'Skond ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, dan ir-reat javvera ruħhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza kien jissejjah 'a breach of the peace'. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kunċett Ingliż ta' 'a breach of the peace' tirrisali għal żmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawża deċiża minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et., kien qal hekk:*

*'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'(Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).*

*A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza miġbura fl-artikolu intitolat 'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order' pubblikat fil-Vol. X ta' The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983) pagna 13 et seq., u speċjalment paġni 28 sa 31. B'żieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wieħed jista' jgħid li r-reat ta' 'breach of the peace' fil-liġi Skoċċiza jirrikjedi wkoll ċertu element, imqar f'ammont żgħir ħafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb tagħhom 'Scots Criminal Law' (Edinburgh, Butterworths, 1992):*

*'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p. 192).*

[124] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju, 1984.
[125] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Ġunju, 1994.

*Naturalment huwa kważi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull każ għar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal- pubbliku. Kif jghid awtur ieħor Skoċċiz, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu 'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978):*

*'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p. 985, para. 41-01).*

*U aktar 'il quddiem l-istess awtur jgħid:*

*'.... Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01).*

*4. Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkoluminita' fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil;'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Żammit) vs Vincent Sacco'**[126] gie kkunsidrat li:

*'Kwantu għar-reati kontravvenzjonali imsemmi fit-tielet imputazzjoni u cjoe dik kontemplata fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodicī Kriminali, din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx sal-grad rikjest mill-Ligī l-elementi tar-reat de quo. Ic-cīrkostanzi li fihom jista' jew ma jistax jigī integrat ir-reat tal-ksur tal-bon-ordni jew il-kwiet tal- pubbliku gew illustrati millQorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad- 19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV pagna 441):*

*L-artikolu 338(dd) tal-Kodicī Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir- reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cīrkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar linkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil. L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuzjew minaccjuzīih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaga oħra u aktar serja (bħal glied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għallbreach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodicī Kriminali.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Silvio Valletta) kontra Joseph Spiteri'**[127] gie kkunsidrat li:

---

126 Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-2 ta' Frar, 2015.
127 Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Mejju, 1996.

*'Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) tal-Art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi iridu jkunu tali li oggettivament inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib. Ghemil fih innifsu innocenti u perfettament legittimu, bhalma hu l-ghemil ta' tfal jilghabu f'bitha qabel, bejn jew wara llezzjonijiet tad-duttrina ma jistax oggettivament inissel tali inkwiet jew thassib. Jista' jammonta (Appell numru: 178/95) 13 ghal inkonvenjent, u anke inkonvenjent serju ghal xi individwu, pero' tali inkonvenjent ma huwiex kolpit bl-Artikolu 338(bb) in dizamina.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Charles Micallef) kontra Alfred Pisani'**[128] gie kkunsidrat:

*'Kwantu ghall-paragrafu (dd), skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan ir-reat javvera ruhhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza kien jissejah "a breach of the peace". Kif gie spjegat fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Gunju, 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Paul Busuttil, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) talArt. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba ccirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil (ara wkoll, Il-Pulizija v. Lawrence Scicluna, 18/11/94, u Il-Pulizija v. Nicholas Debono, 30/9/94, it-tnejn decizzjonijiet ta' din il-Qorti).'*

Fis-sentenza deciza ricentement minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech) Vs Joseph Vella)**[129] ' gie kkunsidrat li:

*'Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi ghalkemm kien hemm skambju ta' kliem bejn l- imputat appellant u l-parti leza u ghalkemm it-tnejn li huma wiegbu lil xulxin, madanakollu ma jidhirx illi kien hemm il-breach of the peace kif trid il-ligi tant illi ma jidhirx illi f'dak il-hin kien hemm xi nies ohra fil-vicinanzi jew inkella li l-istorbju bejn dawn in-nies gieghel lil xi nies johorgu minn djarhom jew javvicinaw l-ekwati. Ghalhekk din l-akkzua mhux provata.'*

Diversi kienu l-persuni li tressqu bħala xiehda li jgħidu biss li semgħu għajjat iżda ma rawx l-akkadut iseħħ. **Maria Rosa Fsadni** tgħid li semgħet ilħna ta' żewġ nisa iżda ma rat xejn aktar[130] filwaqt li żewġha jixhed li l-kliem li ngħad kien bil-malti.[131] **Jonathan Bonello** jixhed li kull ma sema kien għajjat iżda ma ra xejn.[132] Mela sa hawn mhux pruvat li f'dak il-ħin kien hemm l-involviment

---

[128] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju, 1995 (Appell numru: 228/94).
[129] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Diċembru, 2019 (Appell numru: 26/2019).
[130] Fol.114-118
[131] Fol.121.
[132] Fol.125-127

tal-imputat, tant li hu stess jammetti li ħareġ mill-garaxx għaliex sema' l-għajjat fosthom leħen martu.

Mill-banda l-oħra jiġi mfakkar kliem Drummond, *"I heard a man's voice and then I turn around to see and there is a man behind me yelling and speaking in a language, I feel the same language the woman, I didn't understand the language. And he is telling me also bad words….. The same you are a bitch, fuck you the same bad language. ….. And he continue yelling and I turn around to go home to make my way. Then I felt a hit here in my bottom.*[133] ….. ***I am alone I don't want to stay there sorry***[134]***".***

Għalhekk ma hemm lok għall-ebda dubbju li bl-atteġġament tal-imputat Buckingham ma tnissilx *"imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta'"*[135]. Iktar u iktar meta dan it-tħassib kien akkumpanjat ma kuntatt fiżiku.

Magħdud ma dan jirrizulta wkoll li kien *"hemm xi nies ohra fil-vicinanzi jew inkella li l-istorbju bejn dawn in-nies gieghel lil xi nies johorgu minn djarhom jew javvicinaw l-ekwati"*.[136]

Għaldaqstant din l-imputazzjoni ġiet pruvata soddisfaċentement.

L-imputazzjoni numru 6: Aggravju tal-Uffiċjal Pubbliku

**PC2227 Barbara Anne Pace** tikkonferma li l-imputat ilu membru fil-korp tal-pulizija sa mill-2005.[137] **Louis Buhagiar** minn Jobsplus ukoll jixhed kif l-imputat kien impjegat mal-Korp tal-Pulizija sa mid-9 ta' Mejju 2005.[138]

L-artikolu 141 tal-Kodiċi kriminali jipprovdi:

> Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.

[133] Fol.55-56
[134] Fol.56
[135] **Il-Pulizija v. Paul Busuttil** *supra*
[136] **Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech) Vs Joseph Vella** *supra*
[137] Fol.24 et seq
[138] Fol.112

Imbagħad hu l-artikolu 92 tal-Kodiċi jagħti tifsira għall-frażi "uffiċjal pubbliku":

> **92.** Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.

M'hemmx dubbju li l-aggravju addebitat lill-imputat, uffiċjal tal-pulizija, ġie pruvat sal-grad mistenni

**Il-Piena**

Fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni jeżisti l-prinċipju tal-konkors formali tal-pieni bil-piena l-iktar gravi tkun dik kontemplata bl-artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn l-imputazzjonijiet jirrigwardaw l-għemil li seħħ lill' hinn mir-residenza tal-imputat fi Triq Dun Mikiel Xerri; l-offiża ħafifa fuq il-persuna tagħha kif ukoll il-ħebb għaliha.

Rigward it-tieni imputazzjoni, dik ravviżata bl-artikolu 251(3) tal-Kodiċi Kriminali, l-għemil li jinkwadra taħt dan ir-reat seħħ kemm fi Triq Dun Mikiel Xerri <u>kif ukoll</u> fi Triq il-Linja. In kwantu għal dak li seħħ fi Triq Dun Mikiel Xerri fejn Drummond sofriet żewġ daqqiet mingħand l-imputat, jingħad li hawn japplika l-konkors formali ta' reati bejn din l-imputazzjoni w l-ewwel imputazzjoni, bil-piena l-aktar gravi tkun dik kontemplata bl-artikolu 251(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza ġew kunsidrati in-natura tal-imputazzjonijiet li dwarhom qed tinstab ħtija, tal-fedina penali netta tal-imputat u taċ-ċirkostanzi tal-każ minn fejn jirrizulta li dan ma kienx xi każ ta' provokazzjoni kif kontemplat bil-liġi. Lanqas ma jista' jingħad li l-aġir tal-imputat kien xprunat minn xi ċirkostanza bħal ma hemm kontemplat bl-artikolu 230 tal-Kodiċi Kriminali.

L-imputat li fil-kors ta' xogħolu ċertament kien istruwit dwar il-"use of force" għażel li jkun hu li jfittex l-inkwiet meta iddeċieda jmur fuq il-post biex jassisti lill-martu iżda minflok ġibed lill-martu lill hemm infexx hu f'insulti. Mhux biss iżda għal **darba, darbtejn wasal jerfa idu w sieqPu fuq mara li sabha waħedha bla ħadd ma jkun lest jiddefendiha**. Hu li hu bħala uffiċjal tal-pulizija indubbjament jifhem u jirrikonoxxi l-importanza ta' *self-restraint,* għażel li jsegwi mara u jinfexx iħebb u jtiha żewġ daqqiet, dan kollu għax il-kelb tagħha ħammeġ quddiem daru! Aġir minn tagħha xejn sabiħ dak li kellu jirrinfaċċja l-imputat, iżda ċertament mhux wieħed li b'xi sforz tal-immaġinazzjoni jista' qatt

jiskuża r-reazzjoni esaġerata w insensata tiegħu meta żvoga f'atti ta' vjolenza. Kif intqal, l-istorja lanqas hawn ma waqfet  għaliex meta sabha wara l-vettura tiegħu tieħu ritratti li setgħu jidentifikawh, ipperikola ħajjitha u prova jirriversja għal fuqha, tant li beżgħet u resqet minn fejn kienet (it-tieni imputazzjoni tkopri dan l-għemil ukoll).

Ma dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ħasbet ħafna dwar dak li issottomettiet il-prosekuzzjoni u l-parte civile fuq il-piena f'każ ta' sejbien ta' ħtija fejn irrikmandat li l-Qorti għandha taghti miżura bħal ma hemm provdut fil-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mhux kontestat li l-imputat serva b'mod eżemplari l-rwol tiegħu ta' uffiċjal tal-pulizija. Madanakollu dak li din il-Qorti trid toqgħod attenta ferm milli tagħmel hu propju li din iċ-ċirkostanza, dan il-fattur li fil-verità jikkostitwixxu l-aggravju li qed jiġi addebitat bih l-imputat, isservi biex il-Qorti tasal sabiex tiddiskrimina pożittivament mal-imputat meta l-liġi titlob propju l-oppost kif jitkellem b'diċitura ċara l-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali.

L-rwol tal-Qorti hu ċar u definit. Il-Qorti għandha taqdi d-doveri tagħha mhux sempliċiment mingħajr biża iżda daqstant ieħor mingħajr favuri jew preġudizzji. Il-konsiderazzjoni li ġiet mistiedna tieħu l-Qorti meta ser tiġi biex teroga l-piena hi propju l-pern ta' imputazzjoni li dwarha qed tinstab ħtija. F'dan il-każ ġiet pperpetrat vjolenza gratwita, fortunatament b'konsegwenzi minimi għall-vittma, minn uffiċjal tal-pulizija fi grad ta' spettur.

Fil-konsiderazzjoniet tagħha dwar il-piena, ġie mfakkar il-kliem erudit u meqjus ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-proċediment **Il-Pulizija vs Francis Mamo**: [139]

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[140]

[139] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

[140] **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28.11.2006.

> Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……
>
> Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[141]
>
> Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..

Snin qabel, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Josef Camilleri** qalet:**[142]**

> Illi umbaghad, kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004] : -
>
> *"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika* " (sottoliear ta' din il-Qorti)
>
> u zgur li f' dan il-kaz l-appellant wera grad gholi ta' prepotenza w arroganza fl-incident de quo li ma jistax jigi kondonat mill-Qrati.

Din il-Qorti ma tqisx li fiċ-ċirkostanzi, fejn l-għemil tal-imputat kien mifrux fuq <u>tlett inċidenti separati</u>, fejn darbtejn kienu l-okkażjonijiet li kien vjolenti fil-konfront ta' Drummond, jista' jibbenefika minn xi ordni jew miżura kontemplata bl-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fi kliem din il-Qorti diversament preseduta fid-deċiżjoni tagħha **Il-Pulizija vs Francois (Francis) Zammit:**[143]

> Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni, il-fedina penali netta ta'l-imputat, il-fatt illi huwa diga irrifonda il-flus mehuda minnu indebitament. Jidher ukoll is-servizz ta'l-imputat fi hdan il-korp dejjem kien wiehed ezemplari ghajr ghal dana in-nuqqas li dwaru illum jinsab akkuzat. Madanakollu <u>il-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-imputat huwa membru fil-korp tal-pulizija u</u>

[141] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22.09.2009.
[142] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiża 15 ta' Novembru, 2007; Appell Kriminali Numru. 268/2007
[143] Per Onor. Maġistrat Dr. Edwina Grima. Deċiża 26 ta' Marzu, 2008; Numru. 634/2007

ghalhekk kien fid-dmir illi dawna it-tipi ta' reati jara li ma isehhux u mhux jikkomettihom huwa stess.
[Emfazi ta' din il-Qorti]

Dwar tali konsiderazzjonijiet il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat:[144]

> Inoltre l-Ewwel Qorti, meta erogat piena ta' sentenza ta' prigunerija sospiza hadet in konsiderazzjhoni espressament il-fedina penali netta tal-appellant, il-fatt li hu kien diga' rrifonda l-flus minnu mehuda indebitament kif ukoll is-servizz tieghu fil-Korp tal-Pulizija li, ghajr in-nuqqas li tieghu nstab hati, kien wiehed ezemplari. Mill-banda l-ohra qieset il-fatt li l-appellant bhala membru tal-Korp tal-Pulizija kien proprju fid-dmir li jara li reati bhal dawn ma jsirux u mhux li jaghmilhom hu stess.
>
> Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha raguni valida biex tiddisturba d-diskrezzjoni li uzat l-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena.

Ma dan jingħaqad il-fatt li fl-ebda ħin mal-imputat ma wera rimors għal dak li seħħ, jew prova jikkumpensa l-vittma b'xi mod. Minflok għażel li jgiddibha u prova tul dawn il-proċeduri inissel dubbji dwar il-veracità tax-xiehda tagħha jekk mhux ukoll jċekken dak li għaddiet minnu u saħansitra jirredikolaha meta ddeskriviet il-ġrieħi li sofriet; mara li baqgħet trawmatizzata b'dak li għaddiet minnu.

Hu biss minħabba l-fatt li jidher li dan l-għemil kien *out of character* u seħħ minħabba li l-imputat u familtu kienu ilhom jiġu soġġettati għall-għemil illegali w moqżież, nieqes minn ċiviltà li jistħoqqlu stmerrija minn utenti tat-triq fejn jgħix, li fiċ-ċirkostanzi l-Qorti mhux ser timponi piena karċerarja.

Għall-istess raġuni magħdud mal-fatt li ntwera kif l-imputat serva b' karriera impekabbli, il-Qorti qed tirrikmanda li Buckingham ma jitlifx xogħolu.

## Decide

Għal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 92, 141, 214, 215, 221, 251(3), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u tikkundannah **tmintax (18) il-xahar** priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal tmienja u għoxrin (28) xahar millum.

---

[144] **Il-Pulizija Vs Francois (Francis) Zammit** Per Onor. Imħallef Dr. Joseph Galea Debono. Deċiża17 ta' Settembru, 2008; Appell Kriminali Numru. 88/2008

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda toħroġ Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat għaf-favur ta' Viviane Oliviera Drummond u l-familja tagħha għal zmien tlett snin millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**